# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 9.2

## Kap 9: Il-familja kbira tiegħi

## Lezzjoni 9.2: GĦandi, m'għandix.

## L-Għanijiet:



### L-istudenti:

1. Jifhmu l-bżonn tal-paċi fl-ambjenti differenti ta' fejn jgħixu u jikbru;
2. Jiddiskutu dawk l-affarijiet li jgħinuna nżommu l-paċi u t-trankwilità;
3. Jirrealizzaw u jifhmu l-bżonn li fl-ambjenti tagħhom iridu jaqsmu, jissapportjaw u jempatizzaw ma' xulxin.

## Ir-Riżorsi għal-lezzjoni:

- Prezi Presentation: **Nagħti sehmi kull fejn inkun** (link: http://prezi.com/_sr5t-qonee-/nagti-sehmi-kull-fejn-inkun/ )



- Template ta' par idejn għall-attività;
- Kanzunetta "Helping Hands" mil-lezzjoni ta' qabel: **http://www.youtube.com/watch?v=PNqpmyoF3-E**

## Naqsmu flimkien - Introduzzjoni u diskussjoni tal-bidu



- Ibda l-lezzjoni billi tistaqsi lill istudenti x'jiftakru mil-lezzjoni ta' qabel dwar is-sehem u r-rwol tagħhom fil-familja. Ħu xi ftit eżempji mill-istudenti.
- Staqsi:
  - *Barra mill-familja, liema huma l-postijiet l-oħra fejn inqattgħu ħafna mill-ħin tagħna?* (eż. L-iskola, il-Mużew, l-iscouts, in-nursery tal-futbol, eċċ.)
  - *Taħsbu li l-mod kif għandna nġibu ruħna fil-familja għandu jkun l-istess f'dawn il-postijiet? Għaliex?*
- Wassal lill-istudenti jifhmu li l-aspett ta' rispett, għajnuna u sensittività għall-bżonnijiet tal-oħrajn, irridu ngħixuhom kull fejn inkunu.

## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)



1. Iftaħ il-Prezi Presentation: "Nagħti sehmi kull fejn inkun".
2. Imxi mas-slajd tal-preżentazzjoni billi tikklikkja fuq il-vleġeġ fuq in-naħa t'isfel tal-iskrin. Jekk trid tiffoka aktar tista' tagħmel dan billi tikklikkja darbtejn fuq is-slajd li tkun trid tkabbar aktar.
3. Għal kull slajd għandek mistoqsija biex tinvolvi lill-istudenti f'diskussjoni. Ipprova isma' l-opinjoni ta' kulħadd f'xi ħin jew ieħor biex kull student ikollu ċans jipparteċipa.
4. Meta tispiċċa l-preżentazzjoni qassam il-karti bit-*template* ta' par idejn.

5. L-istudenti jiktbu isimhom fuq kull waħda mill-idejn u jiktbu wkoll sentenza biex juru kif huma ser ikunu ta' għajnuna għal ħaddieħor fil-familja, fl-iskola jew fl-għaqdiet/gruppi oħra fejn jattendu.
6. Fl-aħħar jagħtu l-kulur lill-idejn u jqasqsuhom.
7. Stieden lit-tfal jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 9.2 u spjega s-silta mogħtija.




8. Għaddi għal Attività 1 u fuq bażi ta' klassi ddiskuti dawk l-affarijiet li jġibu l-paċi u s-serenita bejnietna.
9. Għaddi għall-Attivita 2 . Aqra l-istorja u agħti spjega tagħha u ddiskuti s-sentenzi mogħtija.
10. Għaddi għal Attività 3 u enfasizza l-importanza li naċċettaw lilna nnfusna u dak li għandna.
11. Spiċċa l-lezzjoni bil-kanzunetta "Helping Hands" u b'talba.

## Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)

1. L-iskola hija t-tieni dar tagħna.
2. Kulfejn inkunu għandna nkunu sensittivi għall-bżonnijiet tal-oħrajn.
3. Irridu naqsmu mal-oħrajn u naraw kif nistgħu inkunu ta' għajnuna għal xulxin.
4. B'hekk biss nistgħu nikbru f'persuni li jħobbu u jirrispettaw lil ħaddieħor.
5. Hu importanti ħafna li naċċettaw lilna nfusna u dak li għandna.

## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

It-tfal, għalkemm huma żgħar, juru li lesti li jisimgħu lil xulxin biex ikunu jistgħu jgħinu lil min jarawh fil-bżonn tal-għajnuna.



## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc

- Uri l-youtube clip "Helping Hands song
- http://www.youtube.com/watch?v=PNqpmyoF3-E"



## Nitolbu



Mulej Ġesù, illum nixtieq noffrilek idejja.

Noffrihomlok biex permezz tagħhom inti

tkompli tagħmel il-ġid ma' dawk li huma

fil-bżonn, dawk li huma mdejqin, dawk li huma waħidhom u

dawk li għaddejjin minn xi problema.

Mulej, ħallini ninduna mill-ewwel b'dawk li jkollhom bżonn l-

għajnuna tiegħi biex inkun nista' ngħinhom iħossuhom aħjar.

Ammen.